

Brussell, 1 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11700/22

UEM 205

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Sa Christine LAGARDE, President tal-Bank Ċentrali Ewropew

data meta waslet: 1 ta' Awwissu 2022

lil: Is-Sur Thomas WESTPHAL, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni
Ewropea

Suġġett: RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW lill-Kunsill
tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank
(BĊE/2022/27)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2022/27.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' Lulju 2022

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank

(BĊE/2022/27)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) FI-2018 De Nederlandsche Bank għażel lil KPMG Accountants N.V. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2019 sa 2022, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż fuq bażi annwali sas-sena finanzjarja 2025¹.
- (3) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tad-De Nederlandsche Bank, KPMG Accountants N.V., se jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2022. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2023.
- (4) De Nederlandsche Bank biĥsiebu jestendi l-mandat ta' KPMG Accountants N.V. sas-sena finanzjarja 2025. Din l-estensjoni hija possibbli skont l-arranġamenti kuntrattwali bejn De Nederlandsche Bank u KPMG Accountants N.V.,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

¹ Rakkomandazzjoni BĊE/2018/25 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2018 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank (ĠU C 394, 30.10.2018, p. 1).

Huwa rrakkomandat li KPMG Accountants N.V. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2023 sa 2025.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 27 ta' Lulju 2022.

Il-President tal-BĊE

Christine LAGARDE